MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1943/2005

**Frank Borda Lmited**

**vs**

**Carmen Muscat**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Dicembru 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' mija tmienja u ghoxrin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm128.70) import ta' hdax il-kambjala skaduta u mhux imhallsa, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-

Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet notifikat b’l-avviz fis-7 ta’ April 2006 naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas s-somma ta’ mija tmienja u ghoxrin lira Maltija u sebghin centezmu (Lm128.70) b’l-imghaxx u b’l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------